# L-Ewwel Skola - l-Ewwel Għalliem

*Minn Mons. Prof. A. Bonnici*

**Naħseb li kulħadd ra l-bolli li ħarġu dan l-aħħar biex ifakkru għeluq it-tliet mitt sena mit-twaqqif tal-iskola tal-Anatomija u Kirurġija f'Malta: bolla tawwalija li, ma naħa ġġib l-iskrizzjoni MALTA u, mal-oħra, ix-xbiha tal-Granmastru Nikola Cottoner, b'quddiemu s-salib tal-Ordni u warajh ismu, u l-iskrizzjoni kommemorattiva matul il-biċċa ta' isfel.**

**Illum ser ngħidu xi ħaġa dwar il-bidu ta' dik l-iskola, il-fundatur tagħha u l-ewwel tabib li għallem fiha.**

Ftit ilu tħadditna dwar l-Isptar tal-Ordni f'Malta taħt l-isem ta' Sagra Infermerija, u rajna kemm kien imfaħħar mill-barranin għall-organiżżazzjoni, il-kumditajiet u s-servizz tiegħu. Kien jonqos fih ħaġa waħda biss: skola li fiha jitgħallmu u jitrawmu dawk li kienu jridu jeżerċitaw il-professjoni medika.

### SKOLA TA' L-ANATOMIJA

Sal-1676, kull min kien irid jagħmilha ta' tabib jew kirurgu (surgeon), kien ikollu jsiefer u jistudja f'xi skola jew universita' barra minn Malta, x'aktarx fl-Italja. Għal skola medika f'pajjiżna kien beda jaħseb il-Granmastru Nikola Cottoner. aktar u aktar wara li ħass il-ħtieġa ta' iżjed tobba fil-Gżira matul il-pesta tal-1675, li qerdet xejn inqas minn 11,000 ruħ minn 60,000.

Kien fid-19 ta' Diċembru 1676 li dak il-Granmastru ġeneruż ħabbar fil-Kunsill tal-Ordni li ried, spejjeż tiegħu, iwaqqaf skola ta' Anatomija u Kirurġija fis-Sagra Infermerija tal-istess Ordni, ħalli hemmhekk il-barbiera-kirurġi u studenti oħra, setgħu jitgħallmu kif inhu msawwar il-ġisem tal-bniedem u kif jissewwa l-ksur fl-għadam, jiddewwew il-ġrieħi u jsiru l-operazzjonijiet, taħt għalliemi u Mexxej li jingħażel mill-Granmastru.

Il-Kunsill approva bilferħ dik il-proposta u l-katedra twaqqfet minnufih. Fl-1768, dik li Skola ngħaqdet mal-Universita' Statali li l-Granmastru Manoel Pinto de Fonseca waqqaf 'flok il-Kulleġġ tal-Giżwiti meta keċċa lil dawn minn Gżiritna.

Għidtilkom: "il-barbiera-kirurgi": nisħajjilkom tgħidu ġewwa fikom: "Dawn il-barbiera-kirurgi x'kienu? X'għandhom x'jaqsmu l-barbiera mal-kirurgi" Mela m'għandhomx, jew aħjar ma kellhomx, x'jaqsmu bejniethom! Għandkom tkunu tafu li fl-imgħoddi xi barbiera kienu jagħmlu xi studji speċjali teoriċi u prattiċi u jidħlu fl-isptarijiet jagħmlu l-operazzjonijiet kirurġiċi, tant li f'Malta kien hawn, fost l-oħrajn, fratellanza tal-barbiera u tobba, imwaqqfa fil-Knisja tal-Franġiskani Konventwali tal-Belt fis-sena 1644, taħt il-protezzjoni ta' San Kosma u San Damjan. Maż-żmien saret firda, u l-barbiera u l-parrukkiera waqqfu fratellanza għalihom, taħt il-protezzjoni ta' San Lwiġi ta' Franza, fil-Knisja ta' Liesse, fix-Xatt tal-Belt; imbagħad marru fl-Oratorju, imsejjaħ tal-Franċiżi, fil-Knisja ta' Ġieżu.

### GUZEPPI ZAMMIT

Il-Granmastru Cottoner għażel bħala l-ewwel Għalliem (Lettore) u Mexxej tal-Iskola li semmejna lill-qassis-tabib Gużeppi Zammit. Min kien dan Gużeppi Zammit? Kien bin Pietru Zammit u Katarina Borg, it-tnejn minn Hal-Balzan. Twieled fit-18 ta' Marzu 1650, u tgħammed l-għada fil-Knisja ta' Portu Salvu. Fuq tfulitu u żgħożitu ftit nafu. Iżda dak li nafu fuqu hu biżżejjed biex nagħarfu l-kobor ta' dak il-bniedem, li maż-żmien sar u ngħata titolu ta' "Protomedico" — l-ewwel fost it-tobba talaqwa Sptar ta' dak iż-żmien.

Minn dak li ser ngħidu fuqhu jidher biċ-ċar li kien bniedem l-aktar studjuż u ħabrieki. Skond l-iskrizzjoni li kitbu għal fuq qabru, hu kiseb id-dottorat tal-Arti u dak tal-Mediċina, u bħala qassis għadda wkoll il-kors tat-Teoloġija. Ma nafx f'liema Universita' jew Kulleġġ tgħallem. Jista' jkun li ħa d-Dottorat tal-Arti u studja għal qassis hawn Malta fil-Kulleġġ tal-Giżwiti, il-Belt u ssokta li studji tiegħu fil-Mediċina barra minn Malta. Jekk hu twieled fl-1650 u fl-1676 jew 1677, kien ġa ħa isem ta' l-aħjar tabib f'Malta, dan ifisser li kien studjuż u għaref kbir, ta' dak iż-żmien.

### DEVOT U ATTENT

Mill-interess li hu ħa fil-kwadru ta' San Pawl l-Eremita, li kien hemm fil-Knisja l-Qadima tal-Lunzjata, f'Hal-Balzan, u li bissaħħa tiegħu ngarr fil-Knisja l-Gdida Parrokkjali, u mit-twaqqif ta' festi f'ġieħ dak il-Qaddis bil-flus li hu ħareġ minn butu, wieħed jista' jagħraf li hu kien devot kbir ta' dak il-Qaddis.

Meta ġie magħżul Mexxej tal-Iskola l-Gdida, il-Granmastru ħatru wkoll Kappillan ta' Ubbidjenza bit-titlu tal-Knisja ta' San Pawl-il Baħar u mn'hemm beda jissejjaħ Fra (Frater) Gużeppi Zammit. Kien ukoll igawdi l-benefizzju msejjaħ "tal-Pilar".

Bħala tabib ħa isem kbir, hekk li hu kien iservi bħala tabib kuranti tal-Granmastri, fosthom Nikola Cottoner, Gregorju Carafa, Mark Antonju Zondadari u Anton Manwel de Vilhena. Hu dar ukoll bl-iben naturali tar-Re Gakbu tal-Ingilterra matul it-tnax-il jum li dam marid hawn Malta.

Dr. Pawlu Cassar, il-magħruf kittieb tal-Istorja tal-Mediċina f'Malta, iżid igħid li, barra mill-Anatomija u l-Kirurġija, it-tabib Zammit kien jgħallem ukoll il-Botanika u, fl-1690, biex imexxi 'l quddiem li studju ta' dik il-materja tant meħtieġ għax-xjenza farmaċewtika, huwa fetaħ ġnien botaniku, spejjeż tiegħu, ġo post mhux 'l bogħod mill-Infermerija, fil-foss tal-Forti Sant'Iermu, post li ngħatalu b'xejn mill-Granmastru Carafa.

Kien fih kollezzjoni kbira ta' xtieli mediċinali ta' Malta u barranin, miġburin minnu b'paċenzja l-aktar kbira. Minn dak il-ġnien huwa kien jaqta' bċejjeċ ta' xtieli biex jagħti tagħlim prattiku tal-botanika farmaċewtika. Maż-żmien dik il-kollezzjoni ngarret

**(Ikompli fil-paġna 4)**

# L-EWWEL SKOLA - L-EWWEL GHALLIEM

(Jaqbad mill-paġna 3)

fil-ġonna tal-Argotti. Jingħad li f'Sant'Iermu kien hemm skrizzjoni li tfakkar dak il-ġnien botaniku.

Fra Gużeppi Zammit introduċa wkoll li studju tal-Kimika fl-Iskola tal-Infermerija. Hu stess kien jagħti lezzjonijiet prattiċi dwar dak is-suġġett. Sal-1886, jgħidilna Dr. Cassar, is-sulfat ta' soda (sulphate of sodium) kien magħruf f'Malta b' "melħ tat-tabib Zammit".

**L-AKKADEMJA MEDIKA**

Biex ikun hemm ftehim akbar bejn it-tobba, huwa talab lill-Granmastru Cottoner iwaqqaf Akkademja jew Għaqda Medika, bil-ħsieb li dawn jiltaqgħu kull tant żmien u jistħarrġu l-għamla tal-mard li kien jitfaċċa fil-Gżejjer tagħna. Il-Granmastru qatgħalu xewqtu, u fl-1679 twaqqfet Akkademja taħt il-patronat tal-Gran Ospitalier tal-Ordni, bit-tabib Fra Gużeppi Zammit bħala "Principe" jew President tagħha.

B'tagħrif ta' dawn is-servizzi ta' fejda għall-Ordni u għal Malta, Dr. Zammit inħatar membru tal-Kulleġġ Mediku tas-Sagra Infermerija, ġieħ mill-ogħla ta' dawk iż-żmenijiet. Il-kamra li kien juża fl-Infermerija bħala klassi għall-prattiku tal-Anatomija ssejħet għalih. L-iskrizzjoni ta' fuq il-qabar ittini x'naħseb li hu ġie mogħti wkoll it-titlu ta' Konti (Comes).

Fra Gużeppi Zammit kien ukoll kittieb latin. Magħrufin huma l-140 skrizzjoni li kiteb fl-1705 biex jitqegħdu taħt ir-ritratti ta' nies maltin kbar. Injazju Saverju Mifsud J.U.D. ġabar dawk li skrizzjonijiet fil-kollezzjoni "Stromatum Melitensium Liber XIV". Hafna mill-kwadri b'li skrizzjonijiet għadhom jidhru mdendlin mal-kurituri tal-Universita' l-Qadima fil-Belt bħala inċitament liż-żgħażagħ għall-istudju.

Dr. Zammit ħalla l-kotba li kellu lill-Infermerija. Minn hemm għaddew għall-Kamerata, u fl-aħħar għall-Biblijoteka Pubblika. Dnub li l-manuskritti tiegħu ma ġewx miżmuma. Teżor mitluf! Intilfet ukoll maturl l-aħħar gwerra li skrizzjoni dwar l-għotja ta' kotba li semmejna, li kienet f'sala tal-Infermerija.

Fra Dr. Gużeppi Zammit miet fit-2 ta' Novembru 1740 u ġie midfun fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan, mibki mill-għorrief bħala kewkba ta' xjenza u mill-poplu bħala missier il-fqar. Lapida ta' rħam, li llum tinsab fil-kor tal-istess knisja, tfakkar lil dak il-bniedem kbir. Lilna deħrilna li għandna nfakkruh ukoll f'dan l-artikolu dwar l-ewwel Skola Medika fi Gżiritna. Ma jixraqlux?